



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Diċembru 2020  
(OR. en)

13515/20

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2020/0337 (NLE)**

---

**AVIATION 227**  
**RELEX 958**  
**MD 3**  
**NIS 20**  
**OC 15**  
**COEST 257**

#### **ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: ABBOZZ ta' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-MOLDOVA  
STABILIT MILL-FTEHIM KOMUNI TAL-AVJAZZJONI BEJN L-UNJONI  
EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA U R-REPUBBLIKA TAL-  
MOLDOVA li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu

---

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI Nru 1/...**

**TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-MOLDOVA STABBILIT  
MILL-FTEHIM KOMUNI TAL-AVJAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA  
U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA U R-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA**

**ta' ...**

**li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu**

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-MOLDOVA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova<sup>1</sup> ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 22 (3) tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

---

<sup>1</sup> ĠU L UE 292, 20.10.2012, p. 3.

*Artikolu Uniku*

B'dan, ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt meħmuża ma' din id-Deċiżjoni huma adottati.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kumitat Konġunt*

*Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea*

*Il-Kap tad-Delegazzjoni*

*tar-Repubblika tal-Moldova*

---

## ANNESS

### REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT KONĠUNT

#### *Artikolu 1*

#### *Kapijiet tad-Delegazzjoni*

1. Kif previst fl-Artikolu 22 (1) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet.
2. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun presedut b'mod konġunt mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni tal-Partijiet.

#### *Artikolu 2*

#### *Laqgħat*

1. Skont l-Artikolu 22 (4) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' kif u meta jkun meħtieġ. Kull Parti tista' titlob li tissejjaħ laqgħa.
2. Il-Kumitat Konġunt jista' jorganizza laqgħat wiċċ imb'wiċċ jew permezz ta' mezzi oħra (telekonferenzi jew vidjokonferenzi).
3. Il-laqgħat isiru, kemm jista' jkun, b'mod alternat bejn post fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-Partijiet.

4. Il-lingwa ta' ħidma għandha tkun l-Ingliż.
5. Ladarba l-Partijiet ikunu qablu dwar id-data u l-post tal-laqgħat, il-laqgħat jissejħu mill-Kummissjoni Ewropea għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u mill-Ministeru inkarigat mit-trasport bl-ajru tar-Repubblika tal-Moldova.
6. Sakemm ma jiġix maqbul mod ieħor mill-Partijiet, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt ma għandhomx ikunu pubbliċi. Jekk ikun meħtieġ, tista' tiġi abbozzata stqarrija għall-istampa bi qbil reċiproku fi tmiem il-laqgħa.

### *Artikolu 3*

#### *Delegazzjonijiet*

1. Qabel kull laqgħa, il-Kapijiet tad-Delegazzjoni għandhom jinformaw lil xulxin dwar il-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjonijiet tagħhom għall-laqgħa.
2. Ir-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati tal-industrija tat-trasport bl-ajru jistgħu jiġu mistiedna jattendu l-laqgħat bħala osservaturi, jekk il-Kumitat Konġunt ikun jaqbel li jsir hekk.
3. Il-Kumitat Konġunt jista', jekk ikun hemm qbil dwar dan, jistieden lil partijiet interessati jew lil esperti oħra biex jattendu l-laqgħat sabiex jipprovdu informazzjoni dwar suġġetti partikolari.

*Artikolu 4*  
*Segretarjat*

Is-segretarjat tal-Komitat Konġunt għandu jkun magħmul minn uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea u uffiċjal tal-Gvern tal-Moldova, li jaġixxu b'mod konġunt.

*Artikolu 5*  
*L-aġenda tal-laqgħat*

1. Il-Kapijiet tad-Delegazzjoni għandhom jistabbilixxu l-aġenda proviżorja ta' kull laqgħa bi ftehim reċiproku. L-aġenda proviżorja għandha tintbagħat mis-segretarji lill-membri tad-delegazzjonijiet mhux aktar tard minn ħmistax-il jum qabel id-data tal-laqgħa.
2. Il-Komitat Konġunt għandu jadotta l-aġenda fil-bidu ta' kull laqgħa. Punti oħra minbarra dawk li jkunu jidhru fl-aġenda proviżorja jistgħu jiġu inklużi fl-aġenda jekk il-Komitat Konġunt jaqbel li jsir hekk.
3. Il-Kapijiet tad-Delegazzjoni jistgħu jqassru l-limiti ta' żmien speċifikati fil-paragrafu 1 sabiex jitqiesu l-bżonnijiet jew l-urġenza ta' kwistjoni partikolari.

## *Artikolu 6*

### *Minuti*

1. L-abbozzi tal-Minuti ta' kull laqgħa tal-Kumitat Konġunt għandhom jitfasslu wara kull laqgħa. Huma għandhom jindikaw il-punti diskussi u kwalunkwe rakkomandazzjoni magħmula u deċiżjonijiet adottati.
2. Fi żmien xahar wara l-laqgħa, l-abbozz tal-Minuti għandu jiġi ppreżentat mill-Kap tad-Delegazzjoni ospitanti lill-Kap tad-Delegazzjoni l-ieħor, permezz tas-segretarji tal-Kumitat Konġunt, għall-approvazzjoni permezz ta' proċedura bil-miktub.
3. Meta jiġu approvati, il-Minuti għandhom jiġu ffirmati mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni u għandha tiġi ppreżentata kopja oriġinali waħda minn kull waħda mill-Partijiet. Il-Kapijiet tad-Delegazzjoni jistgħu jiddeċiedu li l-iffirmar u l-iskambju ta' kopji elettroniċi jissodisfaw dan ir-rekwiżit.
4. Il-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt għandhom ikunu publiċi sakemm ma jkunx mitlub mod ieħor minn waħda mill-Partijiet.

## *Artikolu 7*

### *Proċedura bil-miktub*

Meta jkunu meħtieġa, u debitament motivati, id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt jistgħu jiġu adottati permezz ta' proċedura bil-miktub. Għal dak il-għan, il-Kapijiet tad-Delegazzjoni għandhom jiskambjaw l-abbozz ta' miżuri li dwarhom tintalab l-opinjoni tal-Kumitat Konġunt, li mbagħad jistgħu jiġu kkonfermati permezz ta' skambju ta' korrispondenza. Madankollu, kwalunkwe Parti tista' titlob li l-Kumitat Konġunt jitlaqqa' biex tiġi diskussa l-kwistjoni.

*Artikolu 8*  
*Deliberazzjonijiet*

1. Il-Kumitat Konġunt għandui jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu u jieħu deċiżjonijiet abbażi ta' kunsens.
2. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandu jkollhom it-titolu "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni" rispettivament u għandhom ikunu segwiti b'numru tas-serje, bid-data tal-adozzjoni tagħhom u b'deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom.
3. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom jiġu ffirmati mill-Kapijiet tad-Delegazzjoni u jiġu meħmuża mal-Minuti.
4. Id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt għandhom jiġu implimentati mill-Partijiet skont il-proċeduri interni tagħhom stess.
5. Id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt jistgħu jiġu ppubblikati mill-Partijiet fil-pubblikazzjonijiet uffiċjali rispettivi tagħhom. Kull Parti tista' tiddeċiedi dwar il-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe att ieħor li jiġi adottat mill-Kumitat Konġunt. Kopja oriġinali waħda tad-deċiżjonijiet u tar-rakkomandazzjonijiet għandha tiġi arkivjata minn kull waħda mill-Partijiet.

*Artikolu 9*  
*Gruppi ta' Ħidma*

1. Il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma biex jassistu lill-Kumitat Konġunt fit-twettiq ta' dmirijietu. It-termini ta' referenza għal grupp ta' ħidma għandhom jiġu approvati mill-Kumitat Konġunt u jitniżżlu fl-Anness tad-deċiżjoni li twaqqaf il-grupp ta' ħidma.
2. Il-gruppi ta' ħidma għandhom ikunu magħmula minn rappreżentanti tal-Partijiet.
3. Il-grupp ta' ħidma jgħandhom jaħdmu taħt l-awtorità tal-Kumitat Konġunt u jirrappurtawlu wara kull laqgħa li jkollhom. Dawn ma għandhomx jieħdu deċiżjonijiet iżda jistgħu jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt.
4. Fi kwalunkwe ħin, il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jabolixxi gruppi ta' ħidma eżistenti, li jimmodifika t-termini ta' referenza tagħhom jew li jistabbilixxi gruppi ta' ħidma ġodda biex jgħinuh fil-qadi tal-kompiti tiegħu.

## *Artikolu 10*

### *Spejjeż*

1. Kull waħda mill-Partijiet għandha tħallas l-ispejjeż relatati mal-parteċipazzjoni tagħha fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt u tal-gruppi ta' ħidma, kemm fir-rigward tal-persunal, l-ivvjaġġar u l-ispejjeż tal-għajxien kif ukoll tal-ispejjeż tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet.
2. Kull spiża oħra relatata mal-organizzazzjoni materjali tal-laqgħat għandhom jitħallsu mill-Parti li tkun qed tospita l-laqgħa.

## *Artikolu 11*

### *Emendi għar-Regoli ta' Proċedura*

Fi kwalunkwe ħin, il-Kumitat Konġunt jista' jemenda dawn ir-Regoli ta' Proċedura permezz ta' deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 22 ta' dan il-Ftehim.

---